**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IR-REPUBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**Magdi Hassan**

**Illum, 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Magdi Hassan ta' erba' u għoxrin (24) sena, iben Hassan u Fatima Adam Ali, imwieled Sisowa Al Fashir North Darfur, nhar l-ewwel (01) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u disa' u disgħin (1999) u residenti c-Ċentru Mifħum tal-Marsa, Triq Xatt il-Mollijiet, il-Marsa, Malta u detentur tan-numru personali 19LL-039 tressaq taħt arrest mil-Pulizija quddiem din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja fejn ġie akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli:

> *Matul il-ġurnata tat-12 ta' Lulju 2023 u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa vettura fi Triq it-Tiġrija, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*
>
> *1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haġa misruqa u bil-valur, liema valur tal-haġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa*

*u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.3 ) u dan sar għad-detriment ta' Marion Scicluna u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta Marion Scicluna billi jekk jidrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli l5A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum 8 ta' Jannar 2024 l-imputat għażel b'mod spontanju li jirreġistra ammissjoni.

Rat li l-Qorti għaldaqstant spjegatlu il-portata tal-ammissjoni kif ukoll il-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu, u tagħtu ukoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu u għal dan il-għan issospendiet il-kawza.

Rat li meta reġgħet issejħet il-kawża deher l-uffiċjal prosekutur l-Ispettur Ian Vella, kif ukoll Dr Tilden Tabone għal-Avukat Ġenerali lkoll f'isem ir-Repubblika ta' Malta, kif ukoll deher l-imputat assistit mill-avukat tal-Għajnuna Legali Dr Mario

Caruana, u l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat Magdi Hassan bil-file tal-Pulizija bin-numru 19LL-039 ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena, li in suċċint kienu tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, l-imputati ma jingħatawx piena effettiva karċerarja, u l-piena inflitta tkun fil-minimu tagħha.

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni għalkemm qablet li m'għandiex tingħata piena karċerarja effettiva, l-piena għandha tersaq lejn il-massimu.

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Liġijiet ta' Malta, ċioe li meta s-serq ikun ikkwalifikat bil-valur akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, f' dan il-każ bix-xorta tal-ħaġa misruqa, il-piena stabbilita m'għandiex tingħata fil-minimu tagħha. Qieset ukoll il-fedina penali netta tal-imputat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(ċ) u (ġ), 267, 271(ġ), 279(a) u 280(1), tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, kif minnu ammessi, u tikkundanah għal-piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni,

il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti addizzjonalment wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jħallas is-somma ta' elf tlett mija ħamsa u għoxrin Ewro (€1,325). Il-ħlas għandu jsir fuq perjodu ta' tlettax il-xahar, jiġifieri titħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) fl-aħħar tax-xahar bl-aħħar pagament ikun ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125). L-ewwel skadenza titħallas fil-31 ta' Jannar 2024.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat talbiet ibbażati fuq l-Artikoli 382, 383, 384, 385, u 412Ċ peress li l-imputat m'għandux konoxxenza jew konnessjoni mal-vittma.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------